22 ta' April 2019

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
23 APR 2019
FLORIANA

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/9535/18* |
| *Lokazzjoni:* | *Site at Triq Xlendi, Kercem Gozo* |
| *Proposta:* | *Construction of dwelling with underlying basement garage for private cars, with a different layout from that approved in permission PA 3116/16 (which had amendend permit PA 1003/14) and to sanction minor internal variations in the layout of basement levels.* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Din l-Art Helwa**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar.**

L-Appellant tesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2018, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 9535/18.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) u ppublikata fis-27 ta' Marzu 2019, l-istess Kummissjoni approvat l-applikazzjoni.

Bid-dovut rispett, l-appellant thossha aggravata minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qeghdha tissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellant tissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej:

1.1 Illi il-permess PA 1003/14, lie kien gie approvat mill-Awtorita, gie dikjarat null b' decizjoni ta' dan it-tribunal fl-appell numru 204/17 deciza fis- 17 ta' Jannar 2019. Illi minn din id-decizjoni, l-applikant kien interpona appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell, li permezz ta' decizjoni ta' l- 20 ta' Marzu 2019, ikkonfermat id-decizjoni ta' dan it-Tribunal u ddikjarat null l-istess permess.

1.2 Illi stante li r-rapport tad-Direttorat fuq din l-applikazzjoni kien lest fit-22 ta' Frar 2019, u cioe waqt li l-appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell kien ghadu pendenti, id-Direttorat irrakomanda illi jekk il-permess jigi approvat, dan m' ghanduc ikun esegwibbli pendenti id-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

1.3 Illi din ir-rakkomandazzjoni giet skartata kompletament mill-Kummissjoni li iddecidiet il-kaz gimgha qabel is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

1.4 Illi certament, jekk il-permess PA 1003/14 gie dikjarat null, daqstant iehor ghandu jigi dikjarat null il-permess odjern u dan ghal zewg ragunijiet principali u cioe:

a. Dan il-peress qieghed jemenda (construction with a different layout) il-

permess PA 1003/14, u jekk il-permess originali m' ghadux validu, daqstant iehor ma jistax jitqies validu permess li qieghed jemenda il-permess originali;

b. Illi izjed minn hekk, jekk il-bazi li fuqha hareg il-permess PA 1003/14, u cioe l-istat ta' "legally established dwelling" gie dikjarat li ma kienx applikabbli ghall-kaz odjern, daqstant iehor dan il-permes m' ghandux jibqa fis-sehh stante li fattwalment u legalment, il-provi kollha imressqa mill-applikant fl-applikazzjoni odjerna huma l-istess bhal dawn imressqa fl-applikazzjoni PA 1003/14. Illi a bazi ta' l-istess provi u a bazi ta' l-istess policies, il-permess attwali kellu jigi trattat bl-istess mod, u b' hekk il-permess qatt ma seta jinhareg.

1.5 Illi huwa car illi dan il-permess huwa kontra dak stabbilit fl-RPDG 2015 kif ukoll policies ohra vigenti u li jirregolaw is-sit odjern.

1.6 Illi l-istes permess imur ukoll kontra l-istat ta' konvservazzjoni tas-sit odjern, kemm hekk kif stabbilit fil-Pjan Lokali kif ukoll skont dak stabbilit fir-Regolamenti li jipprotegu il-Habitats.

Ghaldaqstant, l-appellanti qed titlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni mehuda mill-PC fil-

kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellanta u jordna li jinhareg ir-rifjut relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**

**Lista tax-xiedha:**

Ufficjali ta' l-Awtorita u tar-registratur tal-Qrati sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz